MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 2040/1996/1

**Vanguard Investments Limited.**

**vs.**

**Arva Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta` assikuratrici estera Norwich Union Fire Insurance Society Limited u b’nota tal-21 ta’ Lulju 2000 assumiet l-atti tal-kawza s-socjeta` Fogg Insurance Agency Limited ghan-nom tas-socjeta` assikuratrici estera Norwich Union Fire Insurance Society Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta’ Gunju 1996 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-iMhallef Noel Arrigo fejn gie premess:-

Illi hemm vigenti bejn il-partijiet kuntratt ta’ assikurazzjoni bin-numru MA01230, fejn fost affarijiet ohra kien hemm assikurati diversi *amusement* u *vending machines*.

Illi wara incident li kkawza hsara f’numru ta’ makni fuq imsemmija saret *“claim”* ghand is-socjeta` konvenuta liema *claim* giet debitament investigata u s-socjeta` konvenuta *tramite* s-socjeta` Valletta Survey Company Limited, offriet li thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ sebat elef lira (Lm7000).

Illi s-socjeta` attrici nfurmat lis-socjeta` konvenuta illi ma kenitx qieghda taccetta l-offerta taghha u talbet, *ai termini* tal-istess polza ta’ assikurazzjoni, li tmur quddiem Arbitragg sabiex tinghata decizjoni fuq il-kwistjoni tal-*quantum* li ghandu jithallas lis-socjeta` attrici.

Illi sussegwentement, is-socjeta` konvenuta irtirat l-offerta taghha li wara giet kwalifikata bhala wahda “*ex gratia”* li qatt ma kien il-kaz u anke nfurmat lis-socjeta` attrici illi ma kenitx disposta li tmur quddiem Arbitragg kif hemm stipulata skont l-istess polza.

Illi s-socjeta` konvenuta, skont l-**artikolu 14** tal-polza ghandha xelta minn tliet metodi ta’ kif taqdi lis-socjeta` konvenuta u cioe`, apparti li thallas l-ammont ta’ telf jew hsara, tista’ jew tirrijintegra jew tirrimpjazza lil u ghand is-socjeta` attrici, il-proprjeta` bil-hsara jew distrutta izda sallum il-gurnata ghadha ma ghazlet l-ebda triq, hlief ghal dak il-metodu li lum jinsab irtirat.

Peress illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-konvenut *ai termini* tal-**artikolu 14** tal-polza vigenti bejniethom ghandu jirrjintegra jew jirrimpjazza jew ihallas il-proprjeta` dannegjata tas-socjeta` attrici.

2. Tiddikjara b’liema mezz ghandu l-konvenut jadempixxi ruhu skont il-kuntratt ta’ assikurazzjoni fil-konfront tas-socjeta’ attrici.

3. Tillikwida jekk hemm bzonn bin-nomina ta’ periti gudizzjarji d-dannu kagunat lis-socjeta` attrici.

4. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tadempixxi ruha skont it-tieni talba in esekuzzjoni tal-imsemmija polza.

5. Tikkundanna jekk hemm bzonn lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat fit-tielet talba.

Bl-imghax u bl-ispejjes kontra l-konvenut li hu ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol. 4 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa fol. 36 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ghas-seduta tal-15 ta’ April 1997.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 26 ta’ Frar 1997 a fol. 38 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi t-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress illi s-socjeta` attrici kienet fl-impossibbilta` u ghalhekk naqset li tipprovdi d-dokumentazzjoni relattiva biex tissostanzja l-bazi tal-*‘claim’* taghha, b’hekk kienet in vjolazzjoni tal-kondizzjonijiet tal-Polza tal-Assikurazzjoni u kwindi s-socjeta` konvenuta kienet u ghadha ntitolata li ma takkoljix l-istess ‘claim’.

2. Illi l-imsemmija magni gew dikjarati mill-Awtoritajiet kompetenti bhala illegali u ghalhekk is-socjeta` konvenuta,

apparti li ma tistax ikun kompartecipi fi ksur tal-Ligi, lanqas ma kienet obbligata illi taghmel tajjeb ghall-hsarat *in vista'* tal-**artikolu 14 tal-polza ta' assikurazzjoni** li jghid:

*"If in any case the company shall be unable to reinstate or repair the property hereby insured …. the company shall in every such case, only be liable to pay such sum as would be requisite to reinstate or repair such property if the same could lawfully be reinstated to its former condition".*

3. Bla pregudizzju ghall-premess, illi *una volta* ppruvati il-premessi tac-citazzjoni s-socjeta` attrici ghandha d-dritt illi tigi rimpjazzata biss fl-ammont li attwalment tilfet, u mir-ricerki li ghamlet is-socjeta` konvenuta rrizulta li l-valur ta' kull magna kien ta' Stg. 150, mija u hamsin lira sterlina.

4. Illi dak li ta lok ghal din il-vertenza hija polza ta' assikurazzjoni u t-talba relattiva tal-attur li saret *in vista'* tal-allegati hsarat riportati f'xi *'amusement machines',* ghalhekk il-vertenza li hemm bejn il-partijiet hija biss wahda dwar indenniz abbazi ta' polza ta' assikurazzjoni u mhux dwar danni skont kif dedott mis-socjeta` attrici fit-tielet talba taghha.

5. Illi s-socjeta` konvenuta ma hijiex responsabbli ghar-risultanti danni skont kif dedotti fit-tielet talba tas-socjeta` attrici, *in vista* tal-fatt illi abbazi tal-polza relattiva, is-socjeta` assikuratrici ma hijiex responsabbli ghal ebda danni konsegwenzjali, *vide* klawsola 6 *endorsement 1* tal-Polza ta' Assikurazzjoni.

6. Illi in subsidju u bla pregudizzju ghas-suespost is-socjeta` konvenuta kienet offriet *"ex gratia"* u bla pregudizzju lis-socjeta` attrici li jew thallas l-valur tal-*'amusement machines'* jew twassal magni alternattivi sad-Dwana ta' Malta, biex jiddahlu f'Malta legalment mis-socjeta` attrici, liema offerti gew rigettati mnis-socjeta` attrici.

7. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 40 u 41 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-15 ta' April 1997 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri fejn fis-seduta tat-13 ta' Marzu 1998 id-difensuri tal-partijiet talbu li jigi nominat Assistent Gudizzjarju biex jisma' il-provi ta' din il-kawza; u l-Qorti laqghet it-talba u nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Anthony Ellul sabiex jisma' l-provi f'din il-kawza.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Anthony Ellul bix-xhieda kollha quddiemu prodotta, u d-dokumenti hemm esebiti.

Rat in-nota tas-socjeta` Fogg Insurance Agencies Limited datata 21 ta' Lulju 2000 a fol. 155 tal-process li permezz taghha assumiet l-atti tal-kawza ghan-nom tas-socjeta` estera Norwich Union Fire Insurance Society Limited, minflok Arva Insurance Agency Limited.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta mill-21 ta' Novembru 2000 sal-21 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita ghall-konkluzjoni tal-provi attrici.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 2002 mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Aquilina biex tkompli bil-gbir tal-provi.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mill-24 ta' Jannar 2003 sas-6 ta' Dicembru 2005 fejn il-kawza giet differita biex jigi identifikat espert tekniku.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tat-18 ta' Mejju 2006 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li bhala espert tekniku ghandu jigi nominat Mario Galea biex jikkonstata jekk il-magni humiex *"gambling" jew "amusement" machines* u wkoll dak indikat fil-verbal tat-8 ta' Marzu 2006 u allura jekk tali magni setghux jiddahhlu Malta; u l-verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2007 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-kawza giet differita *sine die*.

Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici datat 7 ta' Mejju 2007 a fol. 510 ta-process fejn is-socjeta` rikorrenti talbet ir-riappuntament tal-kawza u sabiex jigi nominat Martin Bajada bhala espert tekniku; u l-Qorti, laqghet it-talba ghan-nomina tal-istess perit tekniku (fol. 515) u wkoll irriappuntat il-kawza ghas-smigh ghat-23 ta' Ottubru 2007, u dan kif jidher bid-digriet taghha moghti fis-7 ta' Mejju 2007 a fol. 513 tal-process.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Martin Bajada pprezentat u mahluf fit-23 ta' Ottubru 2007 a fol 522 tal-process.

Rat in-nota ta' Fogg Insurance Agencies Limited *nomine* (C597) datata 4 ta' Dicembru 2007 a fol. 552 tal-process li permezz taghha pprezentat id-domandi in eskussjoni lill-espert tekniku Martin Bajada.

Rat ir-risposti tal-espert Martin Bajada ghad-domandi tas-socjeta` konvenuta datati 21 ta' Dicembru 2007 a fol. 555 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta` attrici pprezentata *seduta stante* fit-18 ta' Novembru 2009 a fol. 606 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tas-socjeta' konvenuta Fogg Insurance Angencies Limited *nomine* datata 5 ta' Marzu 2010 a fol. 612 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-28 ta' Ottubru

2010 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Marzu 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f'din il-kawza s-socjeta' attrici qed titlob li s-socjeta' intimata tonora l-obbligi taghha taht il-polza ta' assigurazzjoni numerata MA01230 (Dok. "D") u dan billi a bazi tal-artikolu 14 tal-istess polza jew thallas il-valur tal-proprjeta' dannegjata jew inkella tirrimpjazza l-proprjeta' danneggjata, u t-talbiet imressqa huma b'hekk relatati mal-istess domandi, fejn jekk jigi ordnat il-hlas tal-valur tal-oggetti danneggati bl-incident imsemmi, mela allura issir likwidazzjoni tal-istess u konsegwenti kundanna hlas, u jekk jigi ordnat ir-rimpjazzar tal-oggetti hekk danneggati tigi ordnata l-esekuzzjoni tal-istess obbligazzjoni da parte tas-socjeta' konvenuta.

Illi jirrizulta mill-atti li effettivament kien hemm polza ta' assikurazzjoni li kienet harget l-ewwel darba f'Lulju 1992 u fis-sena 1994 kienet assorbiet il-polza l-ohra MA 01266 li fost l-ohrajn kienu jkopru kemm il-bini kif ukoll l-istokk li kien hemm f'Vanguard House, Luqa Briffa Street, Gzira u dan l-istokk kien deskritt mid-ditta Valletta Survey Company Limited, li giet inkarigata mis-socjeta' konvenuta, li jinkludi fost affarjiet ohra *"amusement machines"* kollox kif gie indikat fil-paragrafu numru 2 tal-istess polza datata 26 ta' Awwissu 1994 (fol. 11 tal-process) riprodotta fit-2 paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' attrici datata 18 ta' Novembru 2009 (fol. 606) tal-process u l-kopertura fuq l-

istess mobbli kienet ghas-somma massima ta’ Lm100,000 (Dok. “D”).

Illi fis-27 ta’ Lulju 1995 ipperkola ilma mill-kamra tal-banju sovrastanti l-mahzen fejn kien hemm dan l-istokk, u dan wassal sabiex kien hemm 3 pulzieri ta’ ilma li skond is-socjeta’ attrici xarrab il-bazi ta’ 85 *amusement machine* u li minhabba li l-*body work* kien tac-*chip board,* il-magni assorbew l-ilma u inghad li gralhom hsara irreparabbli u allura saret *claim* mis-socjeta’ attrici fuq l-istess polza. Is-socjeta’ konvenuta nkarigat lis-socjeta’ Valletta Survey Company Limited sabiex taghmel *survey* tal-hsarat inkluz fl-istess stokk u inghad li skond il-*preliminary findings* gie indikat li *“flooding …..causing damage to several amusement machines”* (Dok. “GD1” – fol. 113) u jidher li l-hsara giet ikkawzata minn ilma li hareg minn *water filters* li kellhom *flexible pipe* li jidher li thalla miftuh minn xi mpjegat tas-socjeta’ attrici u gie kkonfermat li l-istess ic-*chipboard* tal-*amusement machines* ixxarrab u ovvjament ntefah. Jirrizulta li fl-istess *survey* li skond rappresentant tas-socjeta’ attrici stess ma kienx *“vale la pena”* li l-istess magni jissewwew ghaliex it-tixrib kien affettwa l-partijiet elettronici tal-istess magni anke minhabba l-umdita’, li l-magni kienu inxtraw 18-il xahar qabel u li ma kienx hemm problemi skond Alfred Schembri ghan-nom tas-socjeta’ attrici li jipprovdi *“actual invoices pertaining to the amusement machines”,* li b’kollox kien hemm 85 minnhom, izda dawn ma setghux jigu ezaminati mis-socjeta’ hekk inkarigata mis-socjeta’ konvenuta (Dok. “GD 2” - fol. 117 ), izda l-istess rappresentant kien informat li kellha ssir *claim* formali, u maghha jkun hemm id-dokumentazzjoni relattiva inkluz il-fatturi msemmija u wkoll stimi sabiex l-istess magni jigu rrangati jew imsewwija, izda jidher skond notament li hemm fl-istess rapport li fid-9 ta’ Awwissu 1995 certu D. Schembri dejjem ghan-nom tas-socjeta’ attrici nforma lid-ditta assikuratrici li kien hemm xi problemi sabiex tali dokumenti in konnessjoni mal-invoices relattivi jigu akkwistati (fol. 117) u jidher li s-socjeta’ attrici allegat li tali magni kienu jiswew Lm500-il wahda u dan iwassal ghall- ammont ta’ Lm42,500 (fol. 118).

Illi fil-fatt hemm spjegazzjoni ta' kif grat il-hsara b'ittra datata 15 ta' Novembru 1995 (Dok. "GD 5" – fol. 126) mentri l-unika dokument prodott mis-socjeta' attrici li jindika l-valur tal-istess magni huwa dak esebit bhala Dok. "VL2" (fol. 61) li huwa kopja ta' registru datat Marzu 1993 li fuqu hemm allegat li hemm indikat lista ta' magni u pagamenti li saru li certu lil certu Raymond Agius, li hija l-persuna minghand min is-socjeta' attrici xtrat il-magni *"second hand"* bil-prezz hemm indikat, almenu fl-ewwel zewg linji tal-istess dokument bil-prezz ta' Lm500. Jidher li fuq din il-bazi saret *claim form* (Dok. "GD 3 – Dok. "VL1" – fol. 60) li fiha l-ammont pretiz kien ta' Lm42,000, valur pretiz tal-istess magni, flimkien mas-somma ta' Lm300 ghall-garr tal-istess magni ghall-imhazen ohra u xoghol li sar fl-ammont ta' Lm1,792. Is-socjeta' attrici tippretendi li d-Dok. "VL 2" huwa prova tal-akkwist tal-istess magni mis-socjeta' attrici minghand dan Raymond Agius u ghalkemm it-total ta' makni fl-istess dokument iwassal ghal 81 magna, dan iwassal sabiex l-erba' (4) magni l-ohra jinghataw l-istess valur u dan skond mas-socjeta' attrici tikkontendi f'paragrafu 7 tan-nota ta' l-osservazzjonijiet attrici (fol. 607 u 608).

Illi din il-Qorti thoss li tali dokumenti ma jippruvawx il-valur tal-magni oggetti tal-*claim* in kwistjoni, u hawn qed tiehu wkoll in konsiderazzjoni dak li inghad fl-ewwel paragrafu tal-hames pagna tan-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, fis-sens li anke jekk is-*survey* li inhareg mis-socjeta' imqabbda mis-socjeta' konvenuta fin-1992, tkellem dwar *"amusement machines",* dawn ma kienux lanqas l-*amusemement machines* in kwistjoni peress li dawn gew mixtrija skond id-Dok. "VL2" bejn is-sena 1993 sas-sena 1995, pero' jidher car anke mix-xhieda ta' Brian Valenzia, li fiz-zmien li harget il-polza u fiz-zmien li saret il-*claim* kien direttur tas-socjeta' Arva Insurance Agency Limited, li kienet rappresentanta legali tas-socjeta' assiguratrici estera, il-kwistjoni dejjem kienet dwar il-valur tal-istess merkanzija. Dan johrog car mix-xhieda tal-istess fil-24 ta' Marzu 1999.

Illi issa waqt il-kawza qam il-punt jekk il-magni in kwistjoni kienux *"amusement" jew "gambling machines"* u l-Qorti

thoss li fuq dan il-punt ir-relazzjoni tal-perit tekniku ma hijiex konkluziva u dan peress li huwa baqa' ma ezaminax l-istess magni, u fi kwalunkwe kaz minn dak li ra, sostna li l-istess magni setghu jigu rrangati sabiex iservu ta' *gambling machines,* skond id-definizzjoni tal-ligi kemm vigenti dak in nhar u wkoll d-definizzjoni ta' *"makna tad-divertiment"* li saret riferenza ghaliha fir-**regolament 2 tal-Avviz Legali 43/1988** fid-decizjoni tal-Onorabbli ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Maria Louisa Carbonaro"** datata 10 ta' Novembru 2004 fejn hemm indikat li din hija:-

*"kull tip ta' makna tad-divertiment li tithaddem permezz tat-tfigh fil-makna ta' munita' jew muniti, jew ta' xi token, u minnha l-gugatur rebbieh la jircievi u lanqas jigi offert xi beneficcju iehor hlief l-opportunita' moghtija mill-azzjoni awtomatika tal-makna li jerga'jilghab il-loghba minghajr ma jitfa xi munita jew token ohrajn, u hlief ghall finijiet tar-regolament 4 ghandha tinkludi makni maghrufin bhala "kiddie ride machines", juke-boxex"* u mwejjed pubblici tat-*"table soccer".*

Illi inghad li ta' importanza ghall-kaz odjern huwa r-regolament numru 5 li jipprovdi:-

*"L-ghola valur tal-munita jew token li tista tintefa' f'magna tad-divertiment ghandu jkun ta' 10 centezmi u l-ghola prezz biex tintlaghab xi loghba wahda fuq magna tad-divertiment ghandu jkun ta' 10 centezmi".*

Illi minn naha l-ohra saret referenza ghall- "makna ghal loghob u sokru" bhala *"slot machine"* jew *"gambling device"* li skond **Black's Law Dictionary, Fifth Edition, West Publishing Co. 1979** bhala *"an apparatus by which a person depositing money therein may, by chance, get directly or indirectly money or articles of value, worth either more or less than the money deposited"* u f'din is-sentenza gie indikat li anke jekk magna taghti biss krediti ta' loghob, jekk dawn jistghu jissarfu din tikkwalifika bhala makna tal-loghob b'mod indirett.

Illi jidher li l-perit tekniku ha konjizzjoni ta' dawn id-definizzjonijiet izda sostna li peress li l-istess magni kienu ghadhom kif inxtraw kien ghad qed isir dak li sejjah bhala *refurbishment* fuqhom (fol. 524) izda ma jidhirx li l-perit tekniku spezzjona dawn il-magni lanqas sabiex jara kif joperaw u kemm it-*token* jew munita jiehdu, izda qal li *"rigward it-talba jekk il-magni humiex gambling machines jew amusement machines dan jiddependi mhux mill-magna in kwistjoni imma mill-funzjoni tal-magna"* u fl-eskussjoni tieghu li saret fit-23 ta' Ottubru 2007 sostna li dawn l-istess makni *"jistghu jigu upgraded ghal gambling machine jew jistghu jitnaqqsu ghal amusement machines. Jigifieri l-features dejjem hemm jibqghu ghax inti kull ma taghmel titfiehom u meta trid terga tpoggiehom u ggibhom".*

Illi fil-kuntest ta' dan kollu, u tenut kont li s-socjeta' konvenuta qabel din il-kawza qatt ma kkontestat li l-istess magni kienu *amusement machines,* u wkoll li fis-*survey* li sar wara dawn l-istess magni, (minkejja dak li kien hemm fis-nota tas-socjeta' konvenuta) gew deskritti mis-*surveyors* stess bhala "makni ta' divertiment", din il-Qorti thoss li jaqghu fid-definizzjoni kontenuta fl-istess polza ta' *"amusement machines"* u ghalhekk huma koperti fl-istess polza u suggetti ghal *claim* maghmula mis-socjeta' attrici. Dan qed jinghad anke fid-dawl tal-kuncett li l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa wiehed ta' *massima uberrimae fidae* u dan ghaz-zewg partijiet fl-istess kuntratt, u s-socjeta' konevenuta dejjem trattat l-istess magni bhala legali u assigurabbli, tant li thallset il-*premium* fuqhom, u wkoll ikkonsidrat l-istess wara li saret il-*claim*. Mhux hekk biss izda jidher li saret offerta ghall-kumpens skond fuq l-istess polza ghas-somma ta' Lm7,000, li ma gietx accettata mis-socjeta' attrici, liema offerta wara z-zmien li saret inghad mis-socjeta' attrici, li saret *"ex gratia"* u wara li ma gietx accettata mis-socjeta' attrici, giet irtirata mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk saret din il-kawza. Dan jirrizulta wkoll mis-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta annessa man-nota tal-eccezzjonijiet taghha.

Illi fid-dawl ta' dan kollu din il-Qorti thoss li din hija d-decizjoni li ghandha titiehed fuq dan ir-rigward

konsiderando l-fatt li l-makni ma gewx lanqas ezaminati fid-dettall mis-socjeta' konvenuta fl-ebda stadju relevanti ghal din il-kawza jew sabiex tigi solvuta l-istess *claim* (ara xhieda ta' Gaston DeGiovanni tad-9 ta' Frar 2000 u ta' John Camilleri tal-14 ta' Gunju 2001) , u wkoll in vista tar-rapport tal-perit tekniku, li certament ma huwiex konklussiv fin-natura proprja tal-istess makni, u fil-verita' jekk tigi ezaminata x-xhieda tieghu, lanqas seta` jkun la darba seta` dejjem issir xoghol fuq l-istess magni sabiex dawn isiru jew iservu ta' *gambling machines*, izda prova li dan ix-xoghol attwalment sar, baqghet ma saritx, la minn naha u lanqas minn ohra, u lanqas jirrizulta li dwar il-punt ir-rapport tal-perit tekniku u x-xhieda minnu moghtija hija konklussiva.

Illi dwar il-punt li tali magni kienu llegali Malta, dan ma jidhirx li saret, u fil-fatt is-socjeta' konvenuta li allegat dan ma gabet l-ebda prova dwar l-istess u dan minkejja dak li nghad fix-xhieda ta' Brian Valenzia tal-24 ta' Marzu 1999 u 16 ta'Frar 2005, li pero' bl-ebda mod ma giet ikkorroborata la b'xhieda ohra u lanqas b'dokumenti relattivi. Dan apparti li dan iqajjem il-kwezit kif allura s-socjeta' konvenuta, la darba wara li saret il-*claim*, jekk mhux waqt il-kawza, qed tghid li dawn il-makni huma llegali, ghaliex hija accettat li tassigurahom u taccetta kopertura fuqhom. Certament li dan ma huwiex agir in bona fede u dan skond l-insenjamenti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **"Salvatore Sammut vs Middle Sea Insurance p.l.c.** (A.C. – 14 ta' Mejju 2004); u **"Alfred Scicluna vs Citadel Insurance p.l.c."** (A.C. – 27 ta' Gunju 2008). Fuq kollox jinghad ukoll li ma hemm ebda prova ufficjali, li setghet giet prodotta permezz ta' dokumenti jew anke rappresentanti ta' ufficjali kompetenti li tali magni, gew kif inghad fit-tieni eccezjoni *"gew dikjarati mill-Awtoritajiet kompetenti bhala illegali"* (fol. 38).

Illi l-istess jinghad dwar il-punt jekk l-istess magni kienux proprjeta' tas-socjeta' attrici, u hawn necessarjament il-Qorti tirreferi ghall-fatt li ma hemm ebda dubju li l-polza ta' assikurazzjoni li harget is-socjeta' konvenuta kienet tkopri l-istess makni, proprju ghaliex l-istess makni dejjem gew ikkunsidrati bhala proprjeta' tas-socjeta' attrici anke meta

saru s-*surveys* kollha relattivi mis-*surveyors* imqabbda mis-socjeta' attrici stess, kemm fil-mument tal-hrug tal-polza u kemm fil-mument li sar l-incident mertu tal-*claim* suggett tal-kawza odjerna.

Illi nigu allura ghall-valur tal-istess makni u din il-Qorti thoss li verament li l-pendenza bejn il-partijiet kienet iktar fuq dan milli fuq xi haga ohra u dan anke kif johrog mill-korrispondenza bejn l-istess partijiet qabel il-kawza kif ukoll minn nota ta' eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta, issa anke fil-kuntest ta' dak li gie wkoll gja deciz. Hawn is-socjeta' attrici tippretendi li kull makna tiswa Lm500, u allura b'kollox ghandha tithallas Lm42,500 ekwivalenti ghall €98,998.37 apparti spejjez ohra, mentri s-socjeta konvenuta tghid fl-eccezzjonijiet taghha li dawn kien jiswew biss 150 lira Sterlina u dan huwa kkonfermat anke minn ittra datata 30 ta' Jannar 1996 (Dok. "C" – fol. 8) mibghuta minn Valletta Survey Company Limited u ffirmata minn Gaston DeGiovanni lis-socjeta' attrici u fuq din il-bazi jidher li saret l-offerta ta' Lm7,000 (li tirrizulta li saret anke mill-ittra datata 11 ta' April 1996 – Dok. "A" – fol. 6). Dwar il-vakur tal-istess magni jidher li wara u fil-kors tal-kawza ssemew valuri ohra anke inqas minnhekk u hawn issir referenza ghal dak li hemm indikat fil-paragrafu numru 6 tan-nota attrici (l-ahhar paragrafu – fol. 619).

Illi dwar il-valur tal-istess makni gie nkarigat ukoll il-perit tekniku li sostna li l-istess makni kienu *second hand,* ma jirrizultax li kienu jahdmu, u dan anke ghaliex kellu jsir jew seta` kien ser isir *refurbishment* fuqhom, izda sostna li tali prezz ta' Lm500 ghal kull magna seta` kien fattwali peress li godda jiswew mal-Lm1,000 sa Lm1,500.

Illi dan fl-opinjoni tal-Qorti mhuwiex rapport sodisfacenti dwar il-valur tal-istess makni, u dan anke peress li ma huwa bl-ebda mod sostanzjat. Izda l-iktar haga li hija timmilita kontra l-addozzjoni ta' tali valur tohrog mix-xhieda tal-istess espert tekniku meta fit-23 ta' Ottubru 2007 quddiem din il-Qorti sostna li tali valur kien ibbazat fuq is-supposizzjoni li tali magni setghu jigi *upgraded* bhala *gambling machines,* u jekk *"hekk fuq is-suq lokali kienet it-tendenza li once li tidhol amusement, peress li*

*ghandha l-features dejjem ta' gambling machine l-prezz taghhom dak iz-zmien kien mitqlu deheb hux! Jigifieri jekk iddahhalha bhala amusement machine jekk tbiegha second hand tista' tigi upgraded bhala gambling machine; u l-gambling machine fl-idejn tista trendi iktar illegali….imma tista' trendi iktar hux. Dak huwa r-realta' tas-sitwazzjoni".* (fol. 541).

Illi din il-Qorti thoss li huwa ovvju li ma jistax ikun li hija toqghod u wisq inqas taddotta valur tal-istess makni stabilit fuq dan ir-ragunament, li huwa wiehed *"non sequitur"* fl-ambitu ta' process gudizzjarju. Minn naha l-ohra certament li s-socjeta' attrici ma ressqitx l-ahjar prova ghal dak li huwa l-valur tal-istess magni, kemm bin-nuqqas ta' dokumenti u fornitura ta' fatturi relattivi, u kif ukoll peress li d-Dok. "VL 1" din il-Qorti ma thossx li huwa prova tal-valur attwali tal-istess magni fil-mument tal-incident, meta lanqas biss ingabet prova li l-istess kienu qed jahdmu, anke qabel ma gara l-incident li ta lok ghall-*claim* mertu tal-kawza odjerna.

Illi izda din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kollha tal-kaz ghandha taddotta l-valur imsemmi mis-socjeta' konvenuta fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha ibbazat fuq l-valur tal-makni hemm indikati ghall-valur ta' £150 il-wahda, u allura l-valur li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici huwa dak ta' £150 (li dak iz-zmien (1996) ir-rata ta' kambju mal-Lira Maltija kien ta' 1.7780) li jwassal ghall-ammont ta' Lm84.36 il-wahda, u li ghal 84 magna jammonta ghal Lm7,086.61 ekwivalenti llum huma sittax il-elf, hames mija u seba` ewro u sitt centezmi (€16,507.06) u dan ghaliex fic-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti thoss li l-provi prodotti mis-socjeta' attrici huma iktar konvincenti u verosimili, u ghalhekk fil-waqt li din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba` talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra fis-sens li l-ammont li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici ghandu jkun ta' sittax il-elf, hames mija u seba` ewro u sitt centezmi (€16,507.06).

Illi dwar danni ohra reklamati din il-Qorti thoss li dawn ma gewx ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi, u wkoll ghal danni

ulterjuri li saret riferenza ghalihom anke fir-raba' u l-hames eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta dawn ma humiex koperti skond il-polza ta' assikurazzjoni relattiva.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni u l-eccezzjonijiet l-ohra kollha li huma nkonsistenti ma' dak hawn deciz, hlief it-tielet, ir-raba` u l-hames eccezzjonijiet li qed tilqa' biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba` talba attrici, **tilqa' t-talbiet l-ohra attrici biss fis-sens hawn deciz,** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut *ai termini* tal-**artikolu 14** tal-polza vigenti bejniethom ghandu jhallas il-proprjeta` danneggjata tas-socjeta` attrici biss fis-sens u fil-parametri hawn decizi f'din il-kawza.

2. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici l-valur attwali tal-magni fil-mument tal-incident li ta lok ghall-istess claim mertu tal-azzjoni attrici, u dan sabiex l-istess socjeta' konvenuta tadempjixxi ruhha skont il-kuntratt ta' assikurazzjoni fil-konfront tas-socjeta' attrici.

3. Tillikwida l-valur tal-istess fl-ammont ta' sittax il-elf, hames mija u seba` ewro u sitt centezmi (€16,507.06), li allura huwa l-valur ta' danni sofferti mis-socjeta' attrici.

4. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba in vista ta' dak deciz anke konsegwenti ghat-tielet talba attrici.

5. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ammont hekk likwidat fit-tielet talba fl-ammont ta' sittax il-elf, hames mija u seba` ewro u sitt centezmi (€16,507.06).

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament, u dwar il-kap tal-ispejjez, minhabba c-

cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti thoss li kull parti ghandha thallas l-ispejjez taghha.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------